



6.9.2010

0066/2010

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-istabbiliment ta' Jum Ewropew ta' k commemorazzjoni tal-vittmi għall-
paċi

Vincenzo Iovine

Data ta' skadenza: 6.12.2010

0066/2010

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-istabbiliment ta' Jum Ewropew ta' kommemorazzjoni tal-vittmi għall-paċi

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-kompiti ta' Petersberg ċitati fl-Artikolu 42 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jikkostitwixxu parti integrali tal-Politika Ewropea ta' Sigurtà u Difiża (PESD),
- B. billi l-azzjoni tal-Unjoni fuq ix-xena internazzjonali (Titolu V, Kapitolu 1, Artikolu 21) għandha l-għan li tħares u tippromwovi prinċipji bħad-demokrazija, l-universalità u l-indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza u s-solidarjetà,
- C. billi l-azzjoni tal-Unjoni fil-missjonijiet ċivili u militari tagħha għandha l-għan li żżomm il-paċi, tipprevjeni l-kunflitti u ssaħħaħ is-sigurtà internazzjonali, fir-rispett tad-dritt internazzjonali u partikolarment tal-prinċipji mniżżla fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,
- D. billi, attwalment, fid-dinja għaddejjin 29 gwerra u f'dawn l-aħħar snin it-telf ta' ċivili u ta' militari li sofrew l-Istati Membri impenjati f'dawn l-azzjonijiet kien gravi,
 1. Jistieden il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-valur etiku u morali għoli ta' Jum ta' kommemorazzjoni tal-vittmi ċivili u militari, li għandu jkun iċċelebrat fid-data tat-12 ta' Novembru, bħala okkażjoni straordinarja ta' tifkira u sogħba għall-vittmi u għall-familjari tagħhom;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-parlamenti tal-Istati Membri.